MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 721/2001/1

**Brian Darmanin**

**Vs**

**Martin Mamo u martu Maria Antonia Mamo bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u fl-amministrazzjoni taghha ma' zewgha Martin Mamo, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-attur fit-8 ta' Awissu 2001 permezz ta' liema jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' elfejn seba' mija u tnejn u tletin Lira Maltija (Lm2,732) [illum ekwivalenti ghal €6,363.85] jew dik is-somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti d-differenza bejn il-pagamenti versati mill-attur versu xoghlijiet illi l-konvenut Martin Mamo kellu jezegwixxi fil-fond Nru.56, Triq San Pawl, Ghaxaq, proprjetà ta' l-attur, liema pagamenti jammontaw ghas-somma ta' tmint elef tlett mija disgha u tletin Lira Maltija

(Lm8,339) [illum ekwivalenti ghal €19,424.64], u l-valur tax-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut fl-imsemmi fond qabel ma qabad u ttermina l-appalt moghti lilu minghajr ebda raguni valida fil-Ligi. Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' April 2001, ta' l-ittra interpellatorja datata 13 ta' Lulju 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1177/01, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas, kontra l-konvenuti.

Rat it-talba tal-konvenuti biex jigu ammessi ghall-beneficcju gratuitu halli jkunu jistghu jikkontestaw it-talba attrici u rat id-Digriet Taghha tas-26 ta' Ottubru 2001 fejn giet milqugha t-talba taghhom.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijet ipprezentata mill-konvenuti konjugi Mamo permezz ta' liema eccipew illi: (a) fl-ewwel lok din il-Qorti ma hijiex kompetenti *rationae valoris* biex tisma' it-talba ta' l-attur; u (b) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex dovut stante li l-konvenut Mamo ghamel xoghol b'iktar minn dak illi effettivament ta.

Rat is-sentenza preliminari pronuncjata fil-25 ta' Settembru 2002 bis-sahha ta' liema giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konjugi Mamo u gie ordnat li l-kawza titkompla tinstema' in konnessjoni mal-meritu taghha; bl-ispejjez riservati.

Rat l-affidavit ta' l-attur a fol. 25 sa' 27 tal-process, flimkien mad-dokumenti annessi mieghu u markati Doks. "BD1", "BD2" u "BD3" a fol. 28 sa' 32 tal-process u x-xhieda in kontro-ezami ta' l-attur waqt is-seduti tal-25 ta' Ottubru 2004[1] u 21 ta' Frar 2007[2]; l-affidavit ta' Chris Muscat a fol. 35 tal-process u x-xhieda in kontro-ezami tieghu waqt is-seduti tas-17 ta' Novembru 2008[3] u 18 ta' Frar 2009[4]; id-dokumenti, ossia kopja tac-*cheques* mghoddija lill-konvenut, ipprezentati mill-attur a fol. 38 sa' 43 tal-process; l-affidavit tal-konvenut a fol. 53 sa' 59 tal-

---

[1] Fol. 47 sa' 51 tal-process.
[2] Fol. 101 sa' 104 tal-process.
[3] Fol. 123 tal-process.
[4] Fol. 125 sa' 126 tal-process.

process, flimkien mad-dokumenti annessi mieghu u markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 60 sa’ 63 tal-process u x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduti tas-17 ta’ Ottubru 2005[5] u 27 ta’ Settembru 2006[6]; l-affidavit ta’ Sandro Mamo a fol. 68 sa’ 69 tal-process u x-xhieda in kontro-ezami tieghu waqt is-seduta tad-29 ta’ Novembru 2006[7].

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ Lm2,732, ekwivalenti ghal €6,363.84, jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti s-somma zejda percepita mill-konvenut Martin Mamo ghax-xoghol minnu esegwit fil-fond Nru.56, Triq San Pawl, Ghaxaq, proprjetà ta’ l-attur, qabel ma qabad u ttermina l-appalt moghti lilu mill-istess attur minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

Il-konvenuti jikkontendu li t-talba ta’ l-attur ma hijiex gustifikata u ghandha tigi michuda ghaliex kien l-istess attur li bl-atteggjament tieghu wassal lill-konvenut Martin Mamo biex jieqaf mix-xoghlijiet fil-fond Nru.56, Triq San Pawl, Ghaxaq, u ma jkomplix bl-appalt lilu kommissjonat. Jikkontendu wkoll illi mhux talli ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur talli huwa l-istess attur li, ghax-xogholijiet esegwiti minn Martin Mamo ghad irid ihallsu s-somma ta’ Lm151, ekwivalenti ghal €351.73, oltre li ghandu jirrispondi ghad-danni li kkawzalhom bl-atteggjament tieghu fil-konfront ta’ l-istess Martin Mamo.

In sostenn tal-posizzjoni tieghu l-attur jispiega[8] li hu proprjetarju tal-*house of character* Nru.56, Triq San Pawl, Ghaxaq, liema dar kellha bzonn xoghlijiet ta’ *conversion* u ghal tali xoghlijiet inkariga lill-konvenut. Wara li l-konvenut acceda fil-fond flimkien ma’ l-attur u ra x’tip ta’ xoghol

---

[5] Fol. 76 sa’ 82 tal-process.
[6] Fol. 91 sa’ 94 tal-process.
[7] Fol. 96 sa’ 99 tal-process.
[8] Affidavit ta’ l-attur a fol. 25 sa’ 27 tal-process.

kellu jsir, hareg stima datata 29 ta' Ottubru 1999 ghall-prezz komplessiv ta' Lm11,140 (ekwivalenti ghal €25,949.22)[9].

Ghalkemm l-istima inharget fid-29 ta' Ottubru 1999, sakemm effettivament bdew ix-xoghlijiet ghadda certu perijodu ta' zmien billi l-attur ried l-ewwel jottjeni finanzjament mill-bank. Ix-xoghol inbeda wara li fit-8 ta' Novembru 2000 l-attur ghamel l-ewwel pagament akkont favur il-konvenut ghall-valur ta' Lm2,200 (ekwivalenti ghal €5,124.62).

In segwitu ghal dan il-pagament kien hemm pagamenti ohrajn ta' Lm3,000 (ekwivalenti ghal €6,988.12) imhallas fit-2 ta' Dicembru 2000, ta' Lm1,000 (ekwivalenti ghal €2,329.37) imhallas fid-19 ta' Jannar 2001, ta' Lm170 (ekwivalenti ghal €395.99) imhallas fid-29 ta' Jannar 2001, ta' Lm208 (ekwivalenti ghal €484.51) imhallas fit-2 ta' Frar 2001 u ta' Lm1,969 (ekwivalenti ghal €4,586.54) imhallas fid-9 ta' Frar 2001.

B'hekk bejn it-8 ta' Novembru 2000 u d-9 ta' Frar 2001, b'kollox l-attur hallas lill-konvenut is-somma ta' Lm8,547, ekwivalenti ghal €19,909.15.

Apparte dawn il-hlasijiet lill-konvenut, l-attur ghamel pagament ta' Lm650 (ekwivalenti ghal €1,514.09) favur Anthony Cassar u Noel Xuereb, li kienu zewg bennejja inkarigati mix-xoghol ta' twaqqigh u bini mill-gdid tas-saqaf tal-kamra ta' isfel tal-fond in kwistjoni, ghal liema hlas kien direttament responsabbli l-istess attur. Dan il-pagament però ma huwiex qed jigi kontestat u ma jifformax parti mill-vertenza bejn il-partijiet kontendenti.

Meta wara d-9 ta' Frar 2001 il-konvenut baqa' jitlob iktar hlasijiet minghand l-attur, l-istess attur irrifjuta li jaghmel iktar hlasijiet billi fil-fehma tieghu kien lahaq ghamel pagamenti f'valur ikbar mill-valur tax-xoghlijiet sa' dak l-istadju esegwiti mill-konvenut.

---

[9] Dok. "BD1" a fol. 28 sa' 30 tal-process.

Kif ra hekk il-konvenut ma kompliex bix-xoghlijiet u halla nota lill-attur *fis-sens illi "jekk ma taqlaghlix il-flus m'intix se tarani b'ghajnejk". Taht din in-nota kien hemm l-isem "Martin". Kien halla wkoll ic-cavetta tal-post*[10]*.* L-attur ipprova jkellem lill-konvenut biex ikompli bix-xoghlijiet izda dan ma riedx ikompli jekk ma jircevix iktar hlasijiet u l-attur ghalhekk kien kostrett johrog Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-konvenut.

In segwitu ghall-hrug ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru inzammet laqgha bejn il-partijiet u intlahaq ftehim bejniethom fis-sens li l-konvenut *kien fadallu jaghmel b'madwar hamest elef lira Malta (Lm5,000) sabiex ilahaqq is-somma illi jiena kont diga tajtu kif spiegajt iktar 'l fuq. Il-konvenut qabel illi jigi jkompli x-xoghol, ghamel madwar gimghatejn jahdem u imbaghad wara dawn il-gimghatejn qalli li ma kellux ghalfejn ikompli ghaliex skond il-perit tieghu – dejjem kif qalli l-konvenut – il-Lm5,000 xoghol f'dawn il-gimghatejn kien ghamilhom. Naturalment dan ma kienx il-kaz, jiena ergajt kellimt lill-konvenut izda huwa bl-ebda mod ma ried jisma' illi jigi jkompli u ghalhekk kelli niftah din il-kawza*[11]*.*

Il-versjoni tal-fatti li jaghti l-konvenut dwar kif mxew l-affarijiet ma' l-attur u d-disgwidi li inqalghu bejniethom hi kemm xejn differenti minn dik li ta l- attur.

Fl-affidavit[12] tieghu l-konvenut isemmi diversi sitwazzjonijiet li skond hu juru illi l-attur minn dejjem kien johloq diffikultajiet meta jigi biex ihallas u kienu dawn id-diffikultajiet kkreati mill-istess attur li finalment wassluh biex jieqaf u ma jkomplix bl-esekuzzjoni ta' l-appalt ikkommissjonat lilu.

Jghid illi meta l-attur tah l-ewwel pagament ta' Lm2,200 mill-ewwel kellu problemi biex isarraf ic-*cheque*. Meta pprezenta c-*cheque* ghand il-Lombard Bank biex isarrfu, il-kaxxiera – illi skond il-konvenut inzertat l-gharusa ta' l-attur – talbitu biex jistenna qabel ma jsarrfu ghaliex ma

---

[10] Fol. 26 tal-process.
[11] *Ibid.*
[12] Fol. 53 sa' 59 tal-process.

kellhomx bizzejjed flus il-Bank biex jaghmlu tajjeb ghalih. Skond il-konvenut dan gie kkonfermat mill-attur ukoll illi ftit wara cempillu u hu wkoll talbu biex jistenna ftit qabel ma jsarraf ic-*cheque*. Kien biss meta giet risolta din il-kwistjoni u c-*cheque* ssarraf li l-konvenut beda jahdem fil-fond ta' l-attur.

Skond il-konvenut l-attur kellu problemi wkoll mal-bennej li kellu jaghmel il-faccata fuq gebel antik, itella' sular fuq u jaghmel zewg travi isfel fil-kamra l-kbira li kien fiha kcina u xaft u hajt dobblu minn hajt sa' hajt. Huwa jghid illi *jiena kont diga tajtu Lm200 lill-bennej bhala deposit tax-xoghol. Il-bennej kien qalli biex naghtih xi flus ohra tax-xoghol li kien qieghed jaghmel. Jien cempilt lil Brian biex jatihom il-flus u kien qalli 'mela dawn dejjem iridu' u qalli wkoll biex inkeccihom. Jien sibt bennej iehor jismu Noel u kien taghni l-istima tal-faccata ta' barra tas-sular. Kif irrangajna kollox ghidt lil Brian u dan qalli li kienet worth it*[13].

Il-konvenut isemmi okkazzjoni ohra fejn *Brian kien taghni Lm3,000 biex ingibu crane zghir, dumper u ready mix. Meta gejna biex naghtu l-konkos fuq il-bejt kien gab xi tlieta min-nies ohra. It-triq fejn hemm il-post ta' Brian hija dejqa hafna u r-Ready mix ma setax jidhol u kellu jhallih barra. Anke meta konna ngibu l-gebel konna ndahhluh b'idejna. Is-somma telghet mhux hazin. Jien kont ergajt tlabt lill-Brian biex jaghtini xi haga ohra. Jien kont smajt li Brian m'ghandux flus u dan beda jghajjarni li jien qed intajjar flus in-nies u mberbaq il-flus. Jiena ma tkellimt xejn u qalli li l-ghada ser jigi u jgibli xi haga tal-flus. L-ghada ma giex. Darba ohra gie u gab xi nies ohra biex jaraw il-post. Qabel ma telaq tajtu karta u staqsini x'inhi. Ghidtlu li fuq il-karta kien hemm indikat ix-xoghlijiet li jiena kont lestejt u jekk ma jaghtini xejn kont lest li nitlaq. Brian qabad din il-karta u qattahha u qalli li hu xoghol irid u mhux karti. Jiena ma kontx norbtu. Kien cempilli d-dar u kien qalli biex inkompli x-xoghol. Jien ghidtlu "jekk ma taghtini xejn miniex ser inkompli nahdem". Beda jheddidni li l-karta ta' l-istima hija kuntratt. Qalli wkoll li ser nircievi ittra bil-Qorti. Ircevejt l-ittra minghand l-avukat tieghu Dr.*

[13] Fol. 54 tal-process.

*Christ Cilia. Brian qalli biex niltaqghu l-Qorti forsi nirrangaw xi haga. Jien mort mat-tifel tieghi biex ikolli xhud ta' dak kollu li jghid*[14].

Wara dan id-disgwid jidher li x-xoghlijiet komplew izda skond il-konvenut l-attur ma biddilx l-attitudini tieghu anzi beda jippretendi li certa xoghlijiet isiru b'xejn, bhal ad esempju li jinqala' tarag li kien hemm fil-fond u li dwaru ma kienux ftehmu qabel,[15] jew li certa xoghlijiet ohra ma jsirux biex jiffranka l-flus, bhal ad esempju t-tikhil tal-bitha [16].

Is-sitwazzjoni skond il-konvenut kompliet tiggrava bil-konsegwenza li fl-ahhar kien kostrett jitlaq u ma jkomplix ix-xoghlijiet lilu kommissjonati mill-attur.

Il-konvenut jghid illi mhux biss l-attur riedu jkompli bix-xoghlijiet minghajr ma jhallsu imma addirittura *qad jistaqsi lin-nies fejn inkun qed nahdem ghax ried li jaghmilli riklam hazin. Fil-fatt minhabba fih ghadni nirregistra sal-lum. Hu staqsa lill-habib tieghi, u dan kien jigi jghidli kollox. Anke li se jtellani l-qorti hu kien qalli. Jien nixtieq illi nfittxu ghad-danni talli ghamilli, peress li kont qed nahdem f'post iehor u kelli nieqaf biex naghmel il-post tieghu*[17].

Huwa evidenti li l-partijiet jaghtu versjonijiet differenti ghal xulxin dwar kif gie li l-appalt kommissjonat lill-konvenut gie terminat. L-attur jghid illi l-konvenut qabad u ittermina l-appalt bla ebda raguni valida ghaliex b'mod ingustifikat baqa' jitlob iktar hlasijiet meta f'idejh già kellu flus iktar mill-valur tax-xoghlijiet li kien lahaq esegwixxa, filwaqt li l-konvenut jghid li minhabba n-natura tax-xoghol u l-mod kif kienu qed jitilghu l-ispejjez necessarjament kellu bzonn iktar flus biex ikompli u n-nuqqas ta' l-attur li jeffettwa dawn il-hlasijiet wasslu f'sitwazzjoni fejn ma setax ikompli bix-xoghol.

---

[14] Fol. 55 tal-process.
[15] *Ibid.*
[16] Fol. 56 tal-process.
[17] Fol. 56 u 57 tal-process.

Rinfaccjata b'dawn iz-zewg versjonijiet opposti ghal xulxin il-Qorti necessarjament trid tirrikorri ghaz-zewg principji guridici ormai assodati f'materia ta' konflitt ta' versjonijiet tal-fatti, u cioè: (i) *li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u* (ii) *fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" (Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma" Appell (Sede Inferjuri) deciza fit-22 ta' Novembru 2001)*. *Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)*[18].

Ezaminat dak li jirrizulta mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti fid-dawl tal-precitati principji guridici, il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni tal-fatti moghtija mill-attur hija ferm iktar kredibbli u verosimili minn dik tal-konvenut billi f'dak li jghid il-konvenut fir-rigward ta' l-attur irrizultaw diversi inkonsistenzi li serjament jimpingu fuq il-kredibilità tieghu u dak minnu allegat.

Kif già inghad il-konvenut isemmi diversi sitwazzjonijiet li skond hu juru bic-car li l-attur minn dejjem kien problematiku fejn jidhol hlas u li kien dan l-istess nuqqas ta' hlas da parte tieghu li finalment wasslu biex jieqaf u ma jkomplix jesegwixxi l-appalt lilu kommissjonat. Izda, meta l-Qorti kkunsidrat il-provi kollha prodotti quddiemha irrizultaw diversi inkonsistenzi f'dak affermat mill-konvenut kontra l-attur li juru bic-car li in effetti dak allegat mill-konvenut huwa ghal kollox inveritier.

Per ezempju l-konvenut jghid li meta l-attur ghaddielu l-ewwel pagament ta' Lm2,200, ic-*cheque* li bih sar il-hlas ma setax jissarraf mill-ewwel ghaliex l-attur ma kellux bizzejjed flus il-Bank. Izda, mill-atti processwali, u

[18] Maria Xuereb et v. Clemente Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.

senjatament mill-fotokopja tac-*cheque* in kwistjoni a fol. 38 tal-process, jirrizulta li c-*cheque* ma kienx *cheque* personali ta' l-attur imma *cheque* mahrug mill-HSBC Home Loans (Malta) Ltd., u ghalhekk zgur ma setax kien hemm problemi biex issarraf. Barra minhekk jidher li l-konvenut ipprezentah lill-Bank biex jissarraf fit-8 ta' Novembru 2000, l-istess gurnata li nhareg ic-*cheque*, u kontra dak affermat mill-konvenut dan issarraf dakinhar stess minghajr ebda problemi.

Il-konvenut jghid ukoll illi l-attur anke gieghlu jkecci lill-ewwel bennej li dahhal fil-fond biex isiru xi xoghlijiet ghaliex fi kliem il-konvenut stess, meta talab lill-attur jaghtih iktar flus biex ihallas lil dan il-bennej l-attur qallu *mela dawn dejjem iridu*. Izda anke f'dan il-kaz, il-kredibilità ta' dak allegat mill-konvenut tirrizulta al quanto dubjuza partikolarment meta titqies l-ispiegazzjoni imgebbda li ta meta in kontro-ezami saritlu id-domanda ghalfejn dar fuq l-attur ghall-hlas tal-bennej meta kien ghadu kemm stqarr illi fir-rigward tax-xoghol li kellu jaghmel dan l-istess bennej kellu jhallsu direttament hu, tant illi kien ghadu kemm tah Lm200 bhala depozitu akkont.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2005 il-konvenut in kontro-ezami xehed illi *issa dwar l-istima tal-bennej, din kienet se tkun xoghol tieghi. Nikkonferma ghalhekk illi meta tajt l-istimi kollha lill-attur, jiena ma kontx tajtu l-istima tal-bennej. Dik kif diga ghidt, bejni u l-bennej kien xoghol tieghi. Lill-bennej fil-fatt kont tajtu depozitu ta' mitejn lira (Lm200) u zammejt l-elfejn (2,000) ghaliha.*

Mistoqsi ghaliex dar fuq l-attur ghal iktar hlas lill-bennej meta dan kellu jhallsu hu, il-konvenut irrisponda li *fil-post kont dahhalt zewg (2) bennejja u mhux wiehed (1). Hawnhekk kont qed nirreferi ghal meta ghidt dawn il-kliem lill-ewwel (1) bennej. L-ewwel (1) bennej, fil-fatt, kien gie mqabbad minn Brian u l-Perit tieghu sabiex iwaqqa' l-kamra ta' isfel. Jiena ma dak ma kellix x'naqsam. Il-bennej l-iehor, li qed naghmel referenza ghalih qabel, kont gibtu biss sabiex jimla biss fuq, fis-sens illi jibnielu n-naha ta' fuq. Fil-fatt hawnhekk kont qed nirreferi, ghalhekk meta ghidt dawn il-kliem, ghall-ewwel (1) bennej li ma kellix*

*x'naqsam xejn mieghu però kien cempilli sabiex jiena nghid lil Brian Darmanin jaghtihom aktar flus. Fil-fatt meta kont kellimt ma Brian Darmanin, dan qalli tihom mitejn lira (Lm200) u jiena qbadt minn dawk l-elfejn u mitejn lira (Lm2,200) li kont hadt u tajthom il-mitejn lira (Lm200) lill-ewwel (1) bennej. Dawn il-mitejn lira (Lm200) imbaghad sussegwentement Brian Darmanin kien hallasni taghhom*[19]*.*

Fil-fehma tal-Qorti b'din l-ispiegazzjoni xejn cara u ferm imgebbda l-konvenut kjarament jikkontradici ruhu ghaliex fejn ghall-ewwel jghid b'mod car li kien hu l-ewwel li dahhal lill-bennej fil-fond biex jaghtih stima ghall-faccata fuq il-gebel antik, biex itella' sular fuq u biex jaghmel zewg travi fil-kamra ta' isfel, u li ghall-hlas lill-bennej ta' dan ix-xoghol kien responsabbli hu, tant illi tah depozitu ta' Lm200, in segwitu jdawwar kollox billi jghid li l-bennej tqabbad mill-attur izda tkecca mill-istess ghax ried iktar flus ghax-xoghol li kellu jaghmel.

Il-konvenut kjarament jipprova jixhet dubji fuq il-kredibilità ta' l-attur izda fil-verità l-unika haga li rnexxielu jaghmel hi li serjament jpoggi fid-dubbju l-kredibilità tieghu stess.

Ghal kull buon fini jigi osservat illi rrizulta li max-xoghol originali li kellu jigi esegwit l-attur zied it-twaqqigh tas-saqaf tal-kamra ta' isfel u ghal dan ix-xoghol iddahhlu xi bennejja li però kien responsabbli lejhom ghall-hlas l-istess attur. Irrizulta wkoll b'mod car li dawn il-bennejja thallsu mill-attur bla ebda diffikultà tant illi l-valur ta' dawn ix-xoghlijiet mhux meritu tal-vertenza odjerna.

Ma hemm ebda dubju li l-aqwa mod kif il-konvenut seta' jissostanzja dak minnu allegat fil-konfront ta' l-attur fir-rigward ta' dan il-bennej kien ikun billi jressaq lill-istess bennej bhala xhud biex jikkorrobora dak minnu allegat, izda ghal xi raguni dan ma sarx. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas ta' korroborazzjoni ta' dak allegat mill-konvenut huwa fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-kredibilità tieghu.

---

[19] Fol. 77 tal-process.

Ghalkemm il-konvenut issemmi diversi nies, bhall-bennej, certu Noel u habib tieghu li baqa’ bla isem, li jistghu jikkorroboraw dak minnu allegat kontra l-attur, l-uniku xhud li l-konvenut ressaq biex jikkorrobora l-allegazzjonijiet tieghu huwa ibnu Sandro Mamo. Lix-xhieda l-ohra ghal xi raguni ma ressaqhomx.

Sandro Mamo xehed bil-procedura ta’ l-affidavit – esebit a fol. 68 u 69 tal-process – u fih ikkonferma dak kollu li qal missieru fl-affidavit tieghu izda, in kontro-ezami ma kienx f’posizzjoni jikkjarifika certi fatti minnu imsemmija fl-affidavit tieghu. Ir-raguni li ta ghal dan kienet illi ma setax jiftakar x’kien iddikjara fl-affidavit billi kien ghadda hafna zmien bejn li ghamel l-affidavit u li sarlu l-kontro-ezami. Ghal domanda minnhom addirittura qal li ma kienx jaf x’ser jaqbad jirrispondi.

Ir-raguni li Sandro Mamo ta ghaliex ma setax jikkjarifika certi punti minnu sollevati fl-affidavit tieghu però ma hijiex affattu kredibbli meta jitqies li fl-affidavit tieghu, mahluf **fis-17 ta’ Jannar 2005**, kien kapaci jiftakar dettalji cari ta’ x’gara bejn l-attur u missieru mill-**inqas erba’ snin qabel** ma’ sar l-affidavit izda waqt il-kontro-ezami, li inzamm fid-**29 ta’ Novembru 2006**, ma kienx f’posizzjoni jaghti kjarifiki dwar dak minnu affermat inqas minn sentejn qabel!

L-attitudini evaziva ghall-ahhar adottata minn Sandro Mamo fil-kontro-ezami tieghu in effetti timpingi serjament fuq il-kredibitilità tieghu bhala xhud u ta’ dak minnu dikjarat fl-affidavit tieghu.

Fattur iehor li juri bic-car in-nuqqas ta’ kredibilità tal-konvenut, johrog car mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti fir-rigward tax-xoghlijiet li ma gewx esegwiti mill-konvenut billi qabad u telaq u ma kompliex bl-appalt lilu kommissjonat mill-attur.

L-attur jikkontendi li l-konvenut ma esegwiex is-segwenti xoghlijiet *upstairs passageway* – xoghol kompletament mhux esegwit, *stairway* – xoghol kompletament mhux

esegwit*, three rooms upstairs (bid-daqqa tal-mannarett)* – 33% mix-xoghol mhux esegwit*, erection of washroom on roof* – xoghol kompletament mhux esegwit*, material for roof, waterproofing and concrete* – xoghol komplestament mhux esegwit*, cleaning of walls, opening gaps and mortaring (7 rooms)* – 15% mix-xoghol mhux esegwit, *painting* – xoghol kompletament mhux esegwit, *plastering of 6 upstairs rooms and staircase, painting of ceiling including staircase, terrace, internal yard. Opening and re-filling gaps* – 50% mix-xoghol mhux esegwit, *plumbing* – 20% mix-xoghol mhux esegwit u *laying of tiles and stone slabs* – xoghol kompletament mhux esegwit – u dana skond rendikont esebit bhala Dok. "BD3" flimkien ma' l-affidavit ta' l-attur a fol. 32 tal-process.

Il-konvenut ma jaqbilx ma' l-attur u jghid illi huwa ma esegwix biss it-tarag, washroom, bejt kontra bejt u tqeghid ta' cangatura[20]. Izda, ghal darb' ohra in kontro-ezami l-konvenut jikkontradici lilu nnifsu u jirrikonoxxi li bhala fatt ix-xoghlijiet li ma gewx esegwiti minnu huma iktar minn dawk minnu imsemmija fl-affidavit tieghu.

Ad esempju fir-rigward tat-tlett ikmamar li kellhom jinbnew fis-sular ta' fuq, in kontro-ezami l-konvenut iddikjara illi *qed nigi mistoqsi jekk suppost fuq in-naha ta' fuq kellix nibni tlett kmamar tas-sooda. Fil-fatt wahda biss ma gietx kompletata billi ma ttellax il-hajt, ghalhekk ma sar xejn, ghalhekk bnejt tnejn. Nerga' nghd illi bnejt tnejn mill-gdid però dawn it-tnejn m'humiex imsaqqfin*[21]*.* Fir-rigward tas-somma ta' Lm3,500 dovuta skond l-istima ghal tibjid ta' saqaf, bit-tarag b'kollox, bit-terrazzin, bitha interna, ftuh u tikhil ta' fili, il-konvenut xehed illi *dan ix-xoghol m'ghamiltux, però inkludejtu fl-istima tax-xoghol illi sar*[22]*.* Fir-rigward taz-zewgt ikmamar bil-bini gdid inkluzi mill-konvenut bhala xoghol lest fid-Dok. "B" a fol. 63 tal-process, il-konvenut xehed illi *dawn huma lesti, però bla saqaf*[23]*.* Fir-rigward tax-xoghlijiet ta' l-ilma l-konvenut xehed illi *in rigward l-ilma, dan lestejtu kollu. Kien fadal*

[20] Fol. 57 tal-process.
[21] Kontro-ezami waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2006, fol.92 tal-process.
[22] Fol. 93 tal-process.
[23] *Ibid.*

*biss illi nqabbadlu l-pipe mal-main. Nikkonferma illi xoghol kien ukoll illi nqabbad kollox mal-main b'referenza ghall-ilma*[24].

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u fid-dawl ta' l-inkonsistenzi li rrizultaw fix-xhieda tal-konvenut u n-nuqqas ta' korroborazzjoni ta' dak minnu allegat, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija iktar verosimili l-versjoni tal-fatti moghtija mill-attur milli dik moghtija mill-konvenut. Ghalhekk Hija konvinta li l-konvenut ghal ebda raguni valida fil-Ligi ttermina l-appalt lilu kommissjonat mill-attur.

In-nuqqas ta' raguni valida tal-konvenut biex jittermina l-appalt in kwistjoni tohrog ukoll mill-fatt illi fiz-zmien meta ghazel li ma jkomplix bix-xoghol, huwa kellu f'idejh is-somma ta' Lm1,916, ekwivalenti ghal €4,463.08, u mhux Lm2,732 kif pretiz mill-attur, in eccess tal-valur tax-xoghlijiet sa' dak l-istadju esegwiti.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li minhabba n-natura tax-xoghol l-ispejjez dejjem kienu qed jizdiedu, il-Qorti ma ssibx din bhala raguni li tiggustifika t-talbiet kontinwi tal-konvenut lill-attur ghall-hlas. Huwa komprensibbli li appaltatur ikun irid ikun kemm jista' jkun kopert ghall-ispejjez waqt l-esekuzzjoni ta' l-appalt, izda zgur ma jistax jippretendi li filwaqt li f'idejh già jkollu hlas in eccess tal-valur tax-xoghlijiet esegwit jibqa' jitlob iktar hlasijiet minghand l-appaltant!

B'hekk fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-konvenut ittermina l-appalt lilu kommissjonat mill-attur minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, huwa ghandu dritt jithallas biss ghall-valur tax-xoghol esegwit, u dana anke billi mill-istima mahruga mill-konvenut jidher li l-appalt in kwistjoni gie miftiehem fuq bazi ta' prezz ghal kull unità[25], u z-zejjed minnu percepit ghandu jintradd lura lill-attur.

---

24 Fol. 93 u 94 tal-process.

25 Carmelo sive Charles Sacco v. Penza Construction Limited, Citaz. Nru. 2534/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2004 – *fid-dottrina saret distinzjoni rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unità, bhal ma hu proprju l-kaz in ispecie, l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk invece il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas..*

L-attur jippretendi hlas minghand il-konvenuti fis-somma ta’ Lm2,732, ekwivalenti ghal €6,363.85, bhala hlas zejjed percepit mill-konvenut Martin Mamo izda, kif già iktar ‘l fuq osservat, l-ammont li fil-fehma ta’ din il-Qorti thallas zejjed lil Martin Mamo u li ghar-ragunijiet moghtija ghandu jigi mhallas lura lill-attur huwa ta’ Lm1,943, ekwivalenti ghal €4,525.97.

Fil-kalkolu tieghu[26] l-attur bbaza ruhu biss fuq il-valur ta’ l-appalt kif jirrizulta mill-istima wara li tnaqqas il-valur tax-xoghlijiet li l-istess attur ghazel li ma jsirux – Lm10,720 – minghajr però ma ha in konsiderazzjoni l-valur ta’ *extra works* li *ex admissis* gew esegwiti mill-konvenut – Lm1,024 [Lm1,839 – Lm805 imhallsa lill-bennejja direttament mill-attur ghax-xoghlijiet li hu talabhom jaghmlu].

Fil-fehma tal-Qorti però sabiex jigi kalkolat b’mod korrett l-ammont zejjed li thallas lill-konvenut, il-valur ta’ l-appalt ma jistax jitqies biss dak ta’ Lm10,720 izda irid jigi inkluz ukoll il-valur ta’ l-*extra works*, b’dana li l-valur ta’ l-appalt huwa ta’ Lm11,744, ekwivalenti ghal €27,356.16.

Stabbilit li dan huwa l-valur ta’ l-appalt u stabbilit li x-xoghlijiet mhux esegwiti mill-konvenut huma effettivament dawk indikati mill-attur fid-Dok. “BD3” a fol. 32 tal-process ghall-valur ta’ Lm5,113, ekwivalenti ghal €11,910.09, jirrizulta li l-valur tax-xoghlijiet effettivament esegwiti mill-konvenut huwa ta’ Lm6,631, ekwivalenti ghal €15,446.08.

Huwa fatt inkontestat li l-valur komplessiv tal-pagamenti percepiti mill-konvenut minghand l-attur huwa ta’ Lm8,547, ekwivalenti ghal €19,909.15, u allura meta titnaqqas is-somma ta’ Lm6,631, ekwivalenti ghal €15,446.08, rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-konvenut, jibqa’ bilanc ta’ Lm1,916, ekwivalenti ghal €4,463.08 li jirrapprezenta l-ammont zejjed percepit mill-konvenut u li ghandu jithallas lura mill-istess konvenut lill-attur.

---

[26] Dok. “BD3” a fol. 32 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef erba' mija tlieta u sittin Euro u tmien centezmi (€4,463.08), ekwivalenti ghal Lm1,916, bl-imghax legali dekorribbli mill-23 ta' Ottubru 2001 (id-data meta l-konvenuti kkonfermaw bil-gurament li rcevew l-Avviz ta' l-attur ghall-finijiet tat-talba ghall-Ghajnuna Legali) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u s-sentenza preliminari tal-25 ta' Settembru 2002, jibqghu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------